TRIBUNAL INDUSTRJAL

DEĊIZJONI NRU: 2999

**Kaz Numru : 3889/DP**

**Fil-kwistjoni tax-xogħol**

**bejn**

**Karlota_Maria Zarimi( AB242453)**
**Rapprezentata mill-mnadatarju speċjali tagħha l-Avv Dott. Pio M. Valletta in forza ta' prokura speġjali**

**u**

**Air X Charter Ltd (C 59616)**

**dwar tkeċċija mill-impjieg allegata nġusta**

**Chairperson : Av Doreen Parnis M.Adv., LLB., Dip. L.P.,M.A.,B.A. P.G.C.E.**

**Nhar it-Tlieta 28 ta' Mejju, 2024**

**Introduzzjoni**

Dan il-kaz ġie riferut lit-Tribunal Industrjali permezz ta' Rikors mill-Av. Pio M. Valletta għan-nom tar-rikorrenti Karlota Maria Zarimi fir-Reġistru tal-Qrati Superjuri nhar l-14 ta' Settembru, 2020, fejn iddikjara illi t-tkeċċija minn mas-soċjeta' ntimata ma' saritx għal raġuni ġusta u suffiċjenti.

It-Tribunal ħa konjizzjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-kaz kif prezentati mill-partijiet, fejn sema' x-xhieda mressqa minn naħat involuti, evalwa l-provi u d-dokumenti kollha kif esebiti, kif ukoll ħa 'in konsiderazzjoni' l-argumenti kif ipprezentati fis-sottomissjonijiet ta' l-avukati difensuri.

## Rapprezentanza

Karlota-Maria Zarimi li minn issa l-quddiem ser tissejjaħ ir-rikorrenti, kien assistit mill-Av. Davinia Cutajar u l-Av. Pio M. Valletta.

Air X Charter Ltd li minn issa l-quddiem ser tissejjaħ is-Soċjeta' ntimata kienet irraprezentata mill-Av. Roslyn Borg u l-Av. Patrick Farruġia.

## Fatti fil-qosor tal-kaz

Ir-rikorrenti kien jaħdem bħala *Flight Service Officer* fuq il-Boeing 737 fuq kuntratt indefinit u kienet ilha mpjegata mas-soċjeta' intimata sa mill-1 ta' Lulju 2017, izda kienet tokkupa karigi oħra, dak ta' *Senior Flight Attendant* u *Flight Attendant* sa minn Ġunju, 2014. Hija ġiet mgħarrfa li fl-1 ta' April, 2020 se titnaqqsilha l-paga b' ħamsa u tletin fil-mija (35%) u se tkun riveduta kull erba' ġimgħat. Fl-20 ta' April, 2020 r-rikorrenti rċeviet ittra fejn ġiet mgħarrfa b'rilokazzjoni lejn l-ajruport ta' Stansted fir-Renju Unit u jekk ma taċċettax tiġi itterminata. Ir-rikorrenti talbet biex minflok tiġi rilokata, tintbagħat fuq ajruplan izghar. Dan ġie rifjut lilha għax biex wieħed jaħdem fuq ajruplani izgħar jeħtieġ taħriġ speċjali. Ir-rikorrenti tgħid li hija għandha esperjenza fuq ajruplani izgħar. Illi effettivament ġiet terminata fis-6 ta' Ġunju, 2020 għal raġuni ta' ċirkostanzi lil hinn mill-kontroll minħabba ezuberu (*redundancy*) -Covid 19. Sadanittant, ir-rikorrenti tgħid li saret taf li kienu diversi kollegi tagħha li ġew offruti mpjieg fuq ajruplani izgħar.

Fir-risposta tagħha, s-soċjeta' qalet li minħabba l-pandemija parti sostanzali mill-flotta tagħha ġiet *grounded* minħabba nuqqas ta' xogħol. Ix-xogħol kien litteralment waqaf zopptu u ken akar vijabbli li joperaw minn Stansted ġewwa l-Ingilterra. Ir-rikorrenti bħal l-impjegati l-oħra ġiet offruta l-istess opportunita' biex tirriloka ruħha mill-Greċja, fejn hi kienet tgħix u tmur l-Ingilterra. Din kienet l-unika possibilta' li permezz tagħha r-rikorrenti setgħet izzomm l-impjieg. Hija rrfjutatat u għalhekk bid-deċizjoni tagħha stess hija ma setgħetx tibqa' impjegata mas-soċjeta' ntimata. Is-soċjeta' tgħid ukoll li minkejja li r-rikorrenti tgħid li setgħet ġiet offruta taħdem fuq ajruplani izgħar bħal uħud mill-kollegi tagħha, s-soċjeta' tgħid li dan huwa argument fazull għax huma kollegi li diġa joperaw minn Stansted fejn r-rikorrenti ma tridx tmur.

**Ġabra fil-qosor tax-xhieda**

**Robert Fenech** bħala *Human Resource Manager* mas-soċjeta' ntimata qal li l-kumpanija mhix bħal kwalunkwe kumpanija tal-avjazzjoni izda hija meqjusa bħala li toffri servizz ta' *taxi* lill-klijenti minn diversi destinazzjonijiet. Huwa qal li l-pandemija laqtithom ħazin u dan għax effetwat direttament il-moviment tan-nies. Huwa qal li kien għalhekk li kellhom jieħdu d-deċizjoni li joperaw u jirrilokaw il-ħaddiema lejn Stansted fejn anke kellhom bazi ta' manutenzjoni u għalhekk kienet aktar vijabbli. Huwa qal li r-rikorrenti minkejja li ġiet offruta l-istess opprtunita' biex mill-Greċja timxi lejn Stansted u taħdem minn hemm, hija rrifjutat minkejja li kienet taf li ma kienx hemm alternattiva oħra għaliha u jekk ma tirrilokax fiċ-ċirkstanzi, titlef l-impjeg. Għar-referenza li rrikorrenti għamlet fid-dikjarzzjoni li ma ġietx offruta impjieg fuq ajruplani izgħar, ix-xhud qal li l-ħaddiema ma' jagħzlux fejn imorru jagħtu servizz u fejn jidħol titjir fuq ajruplani li jinvolvi kapaċitajiet differenti fuq ajruplani ta' daqs differenti, qal li l-ħaddiema jaħdmu fejn huma l-aktar kapaċi. Qal ukoll li biex ittir hemm bzonn ta' liċenzja partikoari EASA**.**
Għall-kontro-ezami kkonferma li bħala soċjeta' huma ma kellhomx bazijiet oħra matul is-snin, imma l-pajjizi li ġie mistoqsi dwarhom kienu postijiet li ġew utilizzati bħala faċilitajiet ta' manutenzjoni, jiġiefieri biex l-ajruplani tagħhom ikunu qed jissewwew, li matul dan l-operat il-ħaddiema ma jkunux qed jaħdmu la l-ajruplan ikun qed jissewwa. Qal ukoll li l-bazi ta' manutenzjoni tintgħazel skond min l-aktar itihom l-aħjar prezzijiet. Huwa kkonferma li qatt ma talbu lir-rikorrenti tirriloka ruħha lejn xi pajjiz minn dawn. Ix-xhud sostna li l-interess ewlieni waqt il-pandemija u l-mizuri li ħadu kien biex jissalvagwardjaw l-impjiegi. Ix-xhud qal li ma biddlu xejn mill-kundizzjonijiet tax-xogħol u lanqas il-pagi u kkonferma li r-rikorrenti ma aċċettax li tirriloka ruħha minħabba l-bazi u mhux minħabba xi tibdil fil-kundizzjonijet tax-xogħol u lanqas biss riedet tidħol f'diskussjonijiet dwar l-offerta u dan għax ma bdietx tirrispondihom għall-offerti li sarulha. Ix-xhud reġa' enfasizza li l-bazi ta' Ateni kellha tiġi skartata għax l-awtoritajiet Griegi lanqas ħallewhom jidħlu u joħorġu meta jridu. Huwa qal li jaf ikun il-kaz fejn wieħed jidħol u wara ma jitħallix joħroġ. Għall-mistoqsija jekk dawk li rrilokaw lejn l-Ingilterra filfatt kellhomx kuntratt ġdid, huwa qal li dawk li marru kellhom jitpoġġew fuq il-*payroll* tal-Ingilterra u kkonferma wkoll li ma kienx hemm rimpjattazzjoni. Ix-xhud spjega wkoll li l-operat tal-kumpanija kien tali li jew ittir fuq il-Boeing 737 jew ajruplani zgħar (*private jet*) u irrelevanti kemm ikollok esperjenza, izda ttir fuq wieħed jew l-ieħor. Huwa innega li qatt ra emails jew xi ħadd qallu kontra r-rikorrenti.

**Houssam Hazzoury** fil-kapaċita' ta' Direttur u Kap Ezekuttiv qal li s-soċjeta' topera b'mod ħieles u mhux marbuta bi skedi, bħal ma taħdem taxi, minn point A għal B u wara għal C. Ix-xhud qal ukoll li bħala soċjeta' sofriet danni konsiderevoli minħabba l-pandemija u kellha bilfors toħloq mezz ta' ristruturrar biex tissalvagwardja l-impjiegi u l-kumpanija nnifisha u kien għalhekk li għazlu li jitrasferixxu l-operat għall-Ingilterra. Huwa qal li r-rikorrenti ġiet offruta l-istess kundizzjonijiet u alternattiva bħal ma ġie offrut lil kulħadd biex titrasferixxi ruħha lejn Stansted u r-rikorrenti rrifjutat. Ix-xhud qal ukoll li l-bazi għadha sal-lum ġewwa Stansted.

Għall-kontro-ezami x-xhud qal li l-imjegati kellhom l-opportunita' biex jiġu rilokati fi Stansted biex ma jispiċċawx bla mpjieg minħabba s-sitwazzjoni tal-Covid. Huwa qal li l-*cabin crew* imorru jgħixu għal mija u tmenin (180) ġurnata fejn ikun stazzjonat l-ajruplan. Ix-xhud qal li ma joffrux xi kumpens talli jiġu rilokati, izda l-kumpanija toffri sapport. Huwa qal li ma jiftakarx li r-rikorrenti talbet biex taħdem fuq ajruplan ieħor u ikkonferma li hija kienet ir-reġistrata bħala *cabin-crew* mal-flotta tal-Boeing. Ix-xhud spjega kif l-għazla waqgħet fuq l-Ingilterra biex jiġu rilokati hemm għax kien hemm inqas restrizzjonijiet fejn tidħol kwarantina u għax kienet il-bazi tal-operat ta' manteniment tal-ajruplani. Huwa qal ukoll li r-rikorrenti għazlet li ma tieħux din l-opportunita' bil-kontra ta' li għamlu ħafna oħrajn u li għadhom jaħdmu mas-soċjeta' sal-lum. Ix-xhud qal li mhux konxju u ma jiftakarx jekk ir-rikorrenti kienitx voċifera fuq kundizzjonijiet tax-xogħol u lanqas ma jiftakar jekk kienx ġie ikkupjat f'xi email f'dan is-sens.

**Friedrich Baldinger** fil-kapaċita' ta' Kap Ezekuttiv tal-affarijiet relatati ma' Malta qal li l-operat kellu jiġi adattat għas-sitwazzjoni u restrizzjonijiet u għamlu mill-aħjar li setgħu f'suq li kwazi kien miet. Qal ukoll li r-rikorrenti kienet taħdem fuq il-Boeing 737, liema ajruplan ma baqgħux jagħmlu uzu minnu waqt il-pandemija. Huwa spjega li min ma riedx jaċċetta u jieħu din l-alternattiva u wara diskussjonijiet. Ix-xhud qal li ma setgħux izommu nies f'pajjizi li ma kienux se joperaw minnhom.

Għall-kontro-ezami kkonferma li r-rikorrenti ġiet impjegata mas-soċjeta' biex taħdem fuq il-Boeng 737-500. Huwa kkonferma wkoll li Stansted ilu bazi ta' manutenzjoni għas-soċjeta' għal madwar sitt snin. Huwa sostna wkoll li fil-kaz tal-Bulgarija, l-pajjiz kien qed iservi bħala faċilita' sotto-kuntratta għal kumpanija oħra li taqa' taħt l-istess *Holding Limited* u kkonferma li fil-kaz tas-soċjeta' l-unika bazi kienet ġewwa l-Ingilterra. Huwa qal li l-mizura li jirrilokaw l-ajruplani fejn kellhom dar ifisser li ma jkollhomx għalfejn iħallsu kera u jkun hemm ukoll min jista' jieħu ħsieb l-ajruplani nkluz il-manutenzjoni.

Dan aktar kien jagħmel sens meta tqis li waqt il-pandemija ma kienux qed joperaw għal aktar minn għaxar siegħat fil-ġimgħa. Ix-xhud qal ukoll li offrew l-istess kundizzjonijiet lil kulħadd u hemm min ra opportunita' skond kif jaraha l-individwu. Qal ukoll li min spiċċa ttermina lilu nnifsu għax ma aċċettax l-alternattiva li ġiet offruta lilu fiċ-ċirkostanzi u filkaz tar-rikorrenti hija rrifjutata offerta proposta ġusta. Ix-xhud innega li qatt sema' kliem kontra r-rikorrenti tant li kieku ma kienux se joffrulha alternattiva biex tibqa' taħdem magħhom u wkoll inagħtat diversi promozzjonijiet matul is-snin.

**Karlota-Maria Zarimi** b'affidavit datat 29 ta' Ottubru, 2022 qalet li fit-3 ta' April, 2020 l-HR Manager Robert Fenech bagħtilha email fejn infurmaha li kien se jitnaqqsilha 35% tal-paga u din tiġi reveduta kull erba' ġimgħat u fl-istess ġurnata bagħat email lil għaxar (10) kollegi tagħha fejn biha ġew itterminati minħabba l-Covid 19.  Ix-xhud qalet li fl-20 ta' April, 2020 l-HR bagħat email lil *cabin crew* kollu li jtiru fuq il-Boeing u Airbus li kienu se jirrilokaw lejn Stansted jew inkella jieħu tterminati. Hija qalet li permezz tal-avukat tagħha bagħtet tinfurmahom li mhux qed taċċċetta li tirriloka u li filfatt ma kienx hemm għalfejn tiġi rilokata u li l-qtugħ tal-paga kien illegali. Hija qalet li fis-7 ta' Mejju, 2020 saret taf  li l-gvern kien qed jagħti suppliment ta' għajnuna lis-soċjeta' ta' tmin mitt (€800) ewro u saret taf ukoll li tnaqqsulha 35% tas-siegħat ta' xogħol. Hija qalet li fil-15 ta' Mejju, 2020 permezz tal-avukat tagħha bagħtet tgħid li hija kellha esperjenza biex taħdem fuq ajruplani zghar. Ix-xhud qalet ukoll li kien hemm diversi kollegi tagħha li ġew ingaġġati fl-2019 jew 2020 li kellhom esperjenza ta' sena biss u kienu qed jaħdmu fuq il-ajruplani zghar, u dan seħħ f'Ġunju, Lulju u anke Awwissu fejn saru bosta titjiriet bl-ajruplani z-zghar minn dawn il-kollegi. Hija qalet ukoll li għall-paga ta' Mejju hija ma ngħatatx *payslip* u l-paga ta' Ġunju baqgħet ma ħadithix.

F'affidavit ieħor datat 30 ta' Diċembru, 2022 xhud qalet  fil-bidu ta' April, 2020, xi membri tal-*cabin crew* ġew itterminati minħabba l-Covid-19. Hija qalet li s-Soċjeta' ntmata mhux biss riedu li jirrilokawhom, izda riedu  jbiddlulhom il-kundizzjonijiet  u termini tal-kuntratt tax-xogħol. Hija qalet li hi talbet biex tiġi trasferita għal fuq ajruplani z-zghar u dan għax sa dak iz-zmien  il-*crew* li kienu qed jaħdmu fuq l-ajruplani z-zghar ma ingħatawx ultimatum. Ix-xhud qalet li hija temmen li t-terminazzjoni tagħha kienet premeditata u dan għax ic-*chairman* tas-soċjeta' John Matthews kien bagħat email lil diversi persuni  fejn lilha rrefera għaliha bħala 'kankru' u ried jeħles minn dan il-kankru. Dan għax kienet talbet li jiġu osservati  l-obbligi li kien hemm lejha. Hija qalet ukoll li r-rilokar tal-Boeing 737s  ma ġewx rilokati għal Stansted u jekk dan kien il-kaz għal xi ajruplani zgħar, ma kienx il-kaz li ajruplan se jiġi bzonn il-manutenzjoni kull ġurnata, ġimgha jew xahar. Hija qalet li wieħed juza l-bazi ta' manutenzjoni biex fiha jirriloka l-

ħaddiema u jkun diffiċli kieku kull darba li  l-bazi ta’ manutenzjoni tinbidel, magħha jimxi wkoll il-*crew* kollu. Hija qalet li għad għandha tieħu l-flus mis-soċjeta’ għax hija ġiet infurmata fis-6 ta’ Lulju  li ġiet itterminata mill-31 ta’ Mejju, 2020. Hija qalet li mhux l-ajruplani kollha ġew rilokati lejn Stansted u l-anqas il-*crew* kollu ma ġie mitlub jirriloka. Ix-xhud qalet li filwaqt li uħud minnhom ġew itterminati, oħrajn ġodda ġew impjegati bil-kundizjonijiet il-ġodda li riedu jimponu fuqhom.

Hijja qalet li s-soċjeta’ trid tipprova li vera li l-*crew* kollu tal-ajruplani z-zgħar ġie rilokat lejn Stansted u li ma nbidlux il-kundizzjonijiet tal-kuntratt u li l-Boeing 737s kollha ġew rilokati lejn Stansted.

Għall-kontro-ezami x-xhud ikkonfermat li kienet toqgħod Ateni u kienet tiġi msejħa f’postijiet oħra biex taħdem minn destinazzjonijiet differenti. Hija kkonfermat ukoll li matul iz-zmien kien hemm aktar  bazijiet ta’ manutenzjoni u mhux biss ta’ Stansted, kien hemm  ezempju l-Polonja. Hija qalet li avolja  l-bazi ta’ Stansted kienet tas-soċjeta’ xorta ma kellhomx liċenzja biex jagħmlu manutenzjonijiet fuq is-737s. Hija qalet li ma setgħetx tikkonferma jekk il-kundzzjonijiet dwar ir-restrizzjonijiet tal-Covid ġewwa l-Ingilterra kienux aktar laxki minn bnadi oħra u dan għax hija kienet tgħix ġewwa l-Greċja. Hija qalet ukoll li kien hemm għaxar persuni li lanqas biss ingħataw iċ-ċans li jirrilokaw izda qalulhom li qed jiġu tterminati minħabba l-Covid. Ix-xhud qalet li ma tistax taċċetta l-alternattiva li nagħtat meta tawha biss erbat ijiem biex tiddeċiedi u ġimgħatejn biex tirriloka. Hija qalet li ma kienx possibbli li tagħlaq d-dar u titlaq tgħix ġewwa l-Ingilterra fiz-zmien qasir li ġiet mogħtija. Barra minn hekk qalet ix-xhud, il-kuntratt li kellha kien ta’ sbatax (17) -il ġurnata in fila tax-xogħol, segwit minn tlettax (13)-il ġurnata *off*. Il-ġdid kien qed jgħid  dsatax (19) -il ġurnata  mhux in fila  u dan ifisser li ma kienx se jkun possibbli tmur id-dar. Kien se jinvolvi wkoll aktar spejjez. Qalet ukoll li kienet ippreokkupata bil-fatt li l-Ingilterra kienet se toħroġ mill-EU li wkoll dan seta’ affetwa l-penzjoni tagħha  meta mqabbla ma’ stat ta’ fatt li hija kienet meqjusa bħala ħaddiema ġewwa Malta u tgħix ġewwa l-Ingiterra. Hija qalet ukoll li ma kienx veru kbir l-ammont ta’ persuni li aċċettaw li jiġu rilokati. Ix-xhud qalet li riedet li taħdem fuq l-ajruplani z-zgħar għax il-*crew* tagħhom ma ntalabx biex jirriloka. Qalet ukoll li lilha qalulha li m’għandhix esperjenza meta filfatt impjegaw *crew* li kellhom biss sena esperjenza u hija kienet ilha wieħed u għoxrin  (21) sena ttir fuq ajruplani zgħar. Hija qalet li fuq il-kuntratt tax-xogħol kellha li setgħet ittir fuq is-737 u ajruplani oħra jekk iz-zewg partijiet jaqblu. Hija qalet ukoll li meta ġiet itterminata saret taf xahrejn wara u b’hekk tilfet ukoll it-*termination benefits.*

Għar-ri-ezami x-xhud qalet li meta uriethom li mhux se taċċetta dawn it-tibdiliet u kundizzjoijiet, baqgħet qatt ma rċeviet risposta.  Ix-xhud qalet li kelha taħriġ anke  taħriġ

fil-VIP fuq titjiriet ta' ajruplani zgħar. Hija spjegat kif darba minnhom kellha titjira ta' tnax(12) -il siegħa lejn ir-Russja, kellhom jerġgħu jaqbdu titjira oħra sagħtejn u nofs wara. Hija qalet li bagħtet email biex turi t-tħassib tagħha u intqal lilha mis-soċjeta' biex ma tibgħatx emails izda ċċempel. Spjegat ukoll kif għamlu kwazi tlett ijiem bla rqad u jistennew ġol-lobby lill-klijenti. Il-fatt li hija rreaġixxiet għal dan kollu wassal biex jeħilsu minnha.

**Sintesi tas-sottomissjonijiet tal-kaz**

**Dr. Farruġia** għan-nom tas-Soċjeta' ntimata qal illi filwaqt xi oqsma ndustrijali stagħnew mill-effetti tal-pandemija globali tal-COVID-19, oħrajn kienu kostretti jiffaċċjaw diffikultajiet serjssimi ta' livelli straordinarji mingħajr ebda antiċipazzjoni matul l-istess zmien. B'konsewenza tal-effetti fuq l-ajru nternazzjonali, is-soċjeta' intimata fil-bidu tas-sena 2020 sabet ruħha f'pozizzjoni fejn il-biċċa l-kbira tal-operat tagħha kellu jieqaf ħesrem mingħajr preavviz. Huwa qal li din is-sitwazzjoni wasslet lis-soċjeta' ntimata li taffaċċja diffikutajiet ta' livell straordinarju u mhux mistenni fuq diversi pjanijiet u dan xejn inqas fil-qasam tar-rizorsi umani tagħha. Is-soċjeta ntimata kellha tieħu deċizjonijiet difficilissimi kkawzati minn sitwazzjoni ta' *force majeure* sabiex tissalvagwardja l-ezistenza kontinwa tagħha u tal-entitajiet l-oħra illi jifformaw parti mill-grupp tal-linja tal-ajru Air X. Dr. Farruġia qal li sa qabel il-miġja tal-pandemija, il-mod li bih il-membri tal-ekwipaġġ tas-soċjeta' nimata kienu jaħdmu kien abbazi tas-sitema tal-'*Main Proceeding Airports'*, fejn huma kienu jibqgħu jirrisjedu fil-belt preferuta tagħhom u meta jkun imisshom l-'*on days'* skont ir-roster, huma jivvjaġġaw lejn il-post fejn l-ajruplan tagħhom ikun jinsab u jimxu miegħu skont fejn il-klijent ikun irid jivvjaġġa. Dr. Farruġia qal li f'Marzu, 2020 l-ajruporti madwar id-dinja bdew jingħalqu għall-ajru nternzzonali u b'hekk il-maġġor parti tal-ajruplani tas-soċjeta' intimata spiċċaw *grounded* b'mod indefinit. Huwa qal li mhux talli l-operat sfaxxa fix-xejn izda kien hemm ukoll il-problema li f'kaz li kien ikun possibbli li ssir xi titjira farradija, ukoll kienet problema ossia sabiex jinġiebu l-membri tal-ekwipaġġ meħtieġa lejn l-ajruplan, kawza tar-restrizzjonijiet u perjodi ta' kwarantina varji. Huwa zid jgħid li dawn il-problemi kienu ferm aggravati mill-fatt illi s-soċjeta' kienet qed tkompli toħroġ spejjez addizzjonali fir-rigward ta' *per diems*, kontjiet tal-lukandi illi fihom kienu jkunu stazzjonati l-impjegati tagħha. B'danakollu s-soċjeta' intimata għamlet minn kollox sabiex issib soluzzjoni biex jiġi salvagwardjat l-operat kontinwu tagħha. Huwa qal li s-soċjeta' hija s-sid tal-bazi tal-manutenzjoni ġewwa Stansted u b'hekk dan ifisser li hija setgħet 'tiggaraxxja' l-ajruplani tagħha li jkunu *grounded* mingħajr ma tinkorri spejjez

sinifikanti. Huwa qal li jibqa' l-fatt li dan ma kellu xejn x'jaqsam mal-manutenzjoni nnifsu tal-ajruplani kif skorrettament approvat tinsinwa r-rikorrenti, u li t-tali rilokar kien ibbazat pjenament fuq il-fatt li s-soċjeta' ntimata kienet is-sid tal-bazi ossia għal skopijiet ta' ekonomija. F'dan il-kuntest, ir-rilokazzjoni fi Stansted kien ukoll ta' benefiċċju għal vjaġġar aktar effettiv għaliex l-Ingilterra kienet waħda mill-ftit pajjizi fid-dinja illi fl-eqqel tal-pandemija zammet restrizzjonijiet pjuttost laxki.

Huwa qal li fil-kaz odjern ir-rikorrenti kienet impjegata bħala *Senour Flight Attendant* fuq ajruplani tat-tip Boeing 737 u l-'*Main Proceeding Airport'* tagħha kien Ateni. Dr. Farruġia qal li l-kawza tas-sitwazzjoni prekarja illi s-soċjeta' ntimata sabet ruħha fiha kif ġia spjegat u fl-aħħar ta' Marzu, 2020 hija kkomunikat mal-membri tal-ekwipaġġ kollha. Huwa qal li s-soċjeta ntimata kienet ferm ċara sa mill-bidu ta' tali komunikazzjonijet illi s-sistema tal-*Main Poroceeding Airports* kienet qed tiġi mitmuma għal kollox fir-rigward tal-memebri tal-ekwipaġġ stante l-insostenibbilita' tagħha kawza tal-pandemija u għaldaqstant tali '*first in last out'* ma tapplikax. Dr. Farruġia qal li t-terminazzjoni kienet konsegwenza ta' tmiem totali ta' forma ta' struttura tal-operat tas-socjeta' ntimata. B'danakollu l-impjegati kollha ġew offruti jirrilokaw għal Stansted u din kienet bidla assoluta kemm fil-*modus operandi* kuntrattwali u kif ukoll tal-ġurisdizzjoni tal-bazi tal-operat. Is-soċjeta' ntimata ma kellha l-ebda obbligu legali tagħmel tali offerta. Huwa zid jgħid li kull min aċċetta t-tali offerta kien se jzomm l-istess kundizzjnijiet kuntrattwali illi kellu qabel l-istess rilokazzjoni, bid-differenza fil-bazi ta' residenza u premess li l-impjegati jaqilbu għal fuq il-*payroll* skont il-liġi stante li jkunu qed jgħixu fl-Ingilterra. Dr. Farruġia qal li r-rikorrenti tallega li s-soċjeta ġabet skuza bis-sitwazzjoni odjerna biex tqaċċata 'l barra. Huwa jgħid li l-email li r-rikorrenti issottomettiet bħala evidenza li sar tgħajjir fil-konfront tagħha, la ġġib isem lil min kienet indirizzata u lanqas data, u dan jixħet dubju fuq il-veraċita' tagħha. Huwa qal ukoll li kieku kien veru li s-soċjeta' tterminat lill-kollegi tar-rikorrent li ma ġewx offruti rilokazzjoni, lilha għaliex ma għamlulhix l-istess la riedu jeħilsu minnha. Huwa qal ukoll li l-ekwipaġġ ta' ajruplani z-zghar ukoll ġew rilokati u kieku kien il-kontra setgħet tellgħet lil min jixhed. Huwa qal ukoll li l-kuntratt tal-impjieg tar-rikorrenti jindika illi hija ingaġġata sabiex taħdem fuq l-ajruplan tat-tip Boeing 737, u għaldaqstant is-soċjeta' intimata ma kellha l-ebda obbligu legali li toffrilha li taħdem fuq ajruplani zghar, liema ajruplani jeħtieġu kwalifiki u liċenzji oltre għaliex dawn huma inġenji ta' natura għal kollox differenti minn xulxin. Huwa rrefera wkoll għal allegazzjonijiet dwar nuqqasijiet fl-paga u li dan il-fatt ma jaqax taħt il-ġurisdizzjoni ta' dan it-Tribunal.

**Dr. Pio Valletta** għan-nom tar-rikorrenti, qal li r-rikorrenti ġiet impjegata mas-soċjeta' intimata fl-1 ta' Lulju, 2017 bħala *Inflight Service Officer* għal zmien indefinit u fit-12 ta' Marzu, 2015 ġiet elevata għall-kariga ta' *Senior Flight Attendant*. Huwa qal li fit-3 ta' April, 2020, il-Manager tas-soċjeta' ntimata bagħat email lill-esponenti fejn għarrafha li effett mill-ewwel (1) ta' April, 2020 kienet ser tirċievi tnaqqis ta' ħamsa u tletin fil-mija (35%) u wkoll avviz ta' terminazzjoni għar-raġuni ta' *ezuberu* lil għaxar (10) impjegati tas-soċjeta' ntimata kawza tal-effetti tal-pandemija. L-istess tagħrif reġa' ntbagħat b'email fl-14 ta' April, 2020. Fl-20 ta' April, 2020 il-Manager bagħat email fejn semma' id-delokalizazzjoni tar-rikorrenti lejn l-ajruport ta' Stansted fir-Renju Unit jew terminazzjoni tal-impjieg.

Dr. Valletta qal li fl-24 ta' April, 2020 r-rikorrenti permezz tal-konsulent legali tagħha bagħtet ittra fejn uriet li mhux qed taċċetta d-delokalizazzjoni bi pre-avviz daqshekk qasir zmien speċjalment f'mument meta kien hemm *lockdown*. Fl-istess ittra saret talba sabiex ir-rikorrenti tiġi assenjata fuq l-ajruplani zgħar tas-soċjeta' uniliterali u diskrezzjonali fil-paga tar-rikorrenti, kien wieħed illegali. Dr. Valletta kompla li fid-29 ta' April, 2020 r-rikorrenti irċeviet il-paga ta' April, 2020 u ġiet indikata s-somma ta' tmien mitt ewro (€800) bħala *COVID Wage Supplement* u r-rikorrenti talbet spjegazzjoni. Fl-4 ta' Mejju, 2020 l-konsulent legali tas-soċjeta' ntimata wieġbet li ma setgħetx taċċetta t-talba tar-rikorrenti li tiġi assenjata fuq ajruplani izghar tas-soċjeta intmata billi l-operazzjoni fuq dawn l-ajruplani zgħar kienet differenti u għalhekk kien meħtieġ taħriġ speċjali.

Dr. Valletta qal li fis-7 ta' Mejju 2020 d-dipartiment tal-*Payroll* tas-soċjeta intimata wieġeb lir-rikorrenti u stqarr li l-ħlas ta' €800 kien parti mill-għajnuna tal-Gvern ta' Malta marbuta mal-imxijja tal-COVID 19. Dr. Valletta qal li fit-8 ta' Mejju, 2020 ir-rikorrenti bagħtet email lill-Manager fejn talbet konferma li l-għajnuna mill-Gvern ta' Malta li s-socjeta' intimata kienet qegħda tirċievi li kienet intiza sabiex is-salarji tal-impjegati jiġu kkonservati. Għal din l-email ir-rikorrenti ma rċeviet l-ebda risposta.

Dr. Valletta qal li fil-15 ta' Mejju, 2020 permezz tal-konsulent legali, r-rikorrenti bagħtet it-tieni ittra fejn spjegat li kellha esperjenza u taħriġ meħtieġ sabiex taħdem fuq ajruplani zgħar. Qal ukoll li s-soċjeta' wettqet tibdil fil-busta paga/*payslip* ta' Marzu, 2020 konsegwenza tal-għajnuna finazzjarja tal-Gvern. Qal ukoll li fit-2 ta' Ġunju, 2020 ir-rikorrenti rċeviet pagament mingħajr busta paga/*payslip*. Dr. Valletta wara semma' diversi persuni li r-rikorrenti kisbet informazzjoni dwarhom, ex-kollegi tagħha li s-soċjeta' ntmata assenjatilhom xogħol fuq ajruplani zgħar tal-istess soċjeta'.

Dr. Valletta qal li fis-6 ta' Lulju, 2020, l-Manager wieġeb l-email tar-rikorrenti billi bagħatilha l-Formola ta' Terminazzjoni tal-JobsPlus datata 6 ta' Ġunju, 2020 bir-raġuni

tat-terminazzjoni tkun : *'Circumstances Beyond Employer Control : Redundancy-COVID 19'*

Huwa rrefera wkoll għall-email li ntbagħtet lil Friedrich Baldinger c-CEO tas-soċjeta' intimata u lil Robert Fenech HR manager tas-soċjeta', minn John Matthews li jiġi c-*Chairman* tas-soċjeta'. Dr.Valletta qal li l-email ezebita fil-proċess fejn fiha ċ-*Chairman* qed jitlob lil Fenech u Baldinger sabiex jidentifikaw l-aħjar mezz u mod kif jeliminaw lir-rikorrenti mingħajr ħtija jew kunflitt.

Huwa qal li ġiethom l-aħjar opportunita' sabiex jagħmlu dak li kien issuġġerilhom iċ-*Chairman* tagħhom meta tfaċċat il-pandemija. Huwa rrefera wkoll għall-fatt li kemm s-CEO Friedrich Baldinger u kemm l-*HR Manager* Robert Fenech jinnegaw li huma irċevew din l-email. Zid jgħid li l-email turi b'mod ċar li kienu rievituri u għalhekk huwa kundannabbli dak li xehed bil-ġuramnet Robert Fenech. Dr. Valletta qal li l-istess Fenech evita li jirrispondi għall-mistoqsija jekk it-terminazzjoni kienitx minħabba ezuberu u dan meta hu stess fl-email tat-3 ta' April, 2020 semma dik ir-raġuni għat-terminazzjoni, kif ukoll infurzata mal-JobsPlus bħala raġuni fil-Formola tat-Terminazzjoni. Dr. Valletta jgħid li Robert Fenech jiċħad li kien hemm ezuberu għax presumibilment bħala *HR Manager* jaf, jew ġie mgħarraf, li ma ġewx segwiti r-regoli applikabbli għall-kaz ta' ezuberu. Jghid ukoll li s-soċjeta' ntimata tikkontesta l-veraċita' tal-email mibgħuta minn John Matthews minħabba li ma tidhirx id-data. Dr. Valletta jgħid li mhux id-data izda l-kontenut huwa mportanti għal fini ta' din il-kawza. Jgħid ukoll li l-email tiftaħ b'*Good evening Friedrich'* u fil-parti konklussiva jissemmew Robert/Fritz. Huwa jgħid li Robert ma jista' jkun ħadd ħlief Robert Fenech. Rigward il-korraborazzjoni ta' din l-email,

Dr. Valletta jgħid li fil-kors tal-kontro-ezami ssemmiet min kienet il-persuna li għaddietha lir-rikorrenti li filfatt kienet waħda mid-destinarji ta' din l-email bl-isem ta' Ashey Lyon li tiġi l-kap tal-*cabin crew*. Dr. Valletta qal li s-soċjeta' tilmenta li din l-email ġiet sottomessa wara li ngħalqu l-provi, izda jgħid li saret referenza għaliha fil-kontro-ezamijiet tax-xhieda prodott mis-soċjeta', liema email Robert Fenech u Friedrich Baldinger ċaħdu li rċevew. Dr. Valletta qal li rigward ir-rilokazzjoni tal-ajruplani zgħar, lanqas is-soċjeta' ma ġabet provi li filfatt dawn ġew rilokati. Ukoll is-soċjeta' biex tiġġustifika t-terminazzjoni bħala difiza fin-Nota ta' Sottomissonijiet taċċetta li seħħet terminazzjoni marbuta ma' ċirkostanzi maġġuri.

**Deċizjoni**

It-Tribunal ried jiddeċiedi jekk it-talba tar-rikorrent li saret nhar l-14 ta' Settembru, 2020 illi d-deċizjoni ta' tkeċċija meħuda mill-kumpanija tikkonstitwixxi tkeċċija inġusta *ai termini* ta' l-Artiklu 75 tal-Kapitolu 452 tal-Liġijiet ta' Malta. Tenut kont sbatax-il fatt f li ħarġu waqt dan il-proċess u ċjoe:

Li r-rikorrent kien impjegat bħala *Inflight Service Officer* b'kuntratt indefinit;

Li r-rikorrenti kienet imjegata mas-soċjeta' ntimata sa mill-1 ta' Lulu, 2017 u ġiet itterminata fit-3 ta' April, 2020 ;

Li rrikorrenti ingħatat l-għazla li tirriloka ruħha lejn Stansted ġewwa l-Ingilterra wara li bdew ir-restrizzjonijet tal-COVID 19;

Li r-rikorrenti offriet li taħdem fuq ajruplani zgħar bl-intenzjoni li ma jkollhix għalfejn tirriloka;

Li s-soċjeta' ntimata ma' aċċettax li r-rikorrenti tintbagħat taħdem fuq ajruplani zgħar;

Li s-soċjeta' tgħid li r-rikorrenti mhux kapaċi taħdem fuq ajruplani zgħar;

Li r-rikorrenti tgħid li kellha esperjenza fuq ajruplani zgħar;

Li s-soċjeta' ntmata tgħid li minkejja kollox xorta ma kienx possibbli għax l-ajruplani zgħar ukoll ġew rilokati lejn Stansted;

Li r-rikorrenti tgħid li l-ajruplani zgħar mhux vera ġew rilokati;

Li r-rikorrenti tgħid li inbagħtet email miċ-*Chairman* tas-soċjeta' ntimata fejn fiha kien hemm struzzjonijiet kif għandu jinħadem pjan biex jeħilsu mir-rikorrenti;

Li minbarra rilokazzjoni kien ukoll se jinbidel il-kuntratt tax-xogħol u kundizzjonijiet fejn jidħlu ġranet ta' ħidma u frank;

Li l-kundizzjonijiet il-ġodda kienu se jillimitaw lir-rikorrenti milli tirritorna lejn darha;

Li din il-bidla ġiet proposta u mqegħda għall-aċċettazzjoni tar-rikorrenti unilateralment mis-soċjeta' ntimata;

Li r-raġuni li nġagħbet kienet il-Pandemija tal-Covid 19 ;

Li l-alternattiva fin-nuqqas ta' aċċettazzjoni tar-rilokazzjoni lejn Stansted, kien ifisser it-terminazzjoni tal-impjieg, kif filfatt ġara ;

Li s-soċjeta' ntimata donnha mhix ċerta jekk it-terminazzjoni seħħitx minħabba ezuberu jew le u dan għax daqqa tgħid mod u daqqa tgħid ieħor ;

Li s-soċjeta' ntimata tgħid li ma kellha l-ebda obbligu legali li toffrilha li taħdem fuq ajruplani zgħar għax ir-rikorrenti kienet impjegata bħala ekwipaġġ fuq il-Boeing 737.

It-Tribunal biex jiddeċiedi l-kaz odjern, jekk it-terminazzjoni kienitx waħda kontra l-liġi, ikkonsidra t-teorija legali *rebus sic stantibus*, bl-Ingliz, the '*theory of frustration'*. Dan l-aspett minkejja li mhux kompletament zviluppat f'pajjizna nistgħu ngħidu li sa mill-1919 diġa' kien hemm attentati sabiex jiġi ddeterminat x'jista' jikkawza t-temm ta' kuntratt jew tibdil minħabba sitwazzjonijiet lil hinn mill-kontroll tal-individwu u allura ma jkunx f'pozizzjoni li jwettaq l-obbligu tiegħu. Dan jiġri għax ikunu nbiddlu ċ-ċirkostanzi.

Hawn nirreferu għall-possibilita' li biex titwettaq dak li wieħed ikun kommess jagħmel, l-oġġett/sitwazzjoni tibqa' l-istess, inkella wieħed ma jkunx f'pozizzjoni li jwettaq l-obbligazzjoni li jkun daħal għaliha u ntrabat li jagħmel.

Malta bħal Franza tonora l-*Pacta Sunt Servanda*, izda mal-mixja taz-zmien lokalment dan beda jinbidel b'mod speċjali fi zmien il-gwerra. Filfatt, ta' min isemmi deċizjonijiet tal-Qrati Maltin fejn ġie deċiz li *Rebus Sic Stantibus* tiġi osservata, fosthom ***Borg Falzon vs Darmanin (1940)***, ***Fenech vs Carabott (1941),*** u ***Raymond vs Busuttil (1942).*** F'dawn il-kazijiet il-Qorti daħlet fid-dettal ta' xi jfissru *Force Majeure* u meta wieħed jista' japplikaha bħala difiza.

*Force Majeure* hija forza li hija mpossibbli li wieħed jirrezisti filwaqt li avveniment fortuwitu jseħħ aktarx għax ma setax jiġi antiċipat minn persuna b'diligenza ordinarja ***(ara Borg Falzon vs Darmanin 1940).*** Iz-zewġ konsegwenzi ma jseħħux b'negliġenza jew b'mod volontarju jew b'ammissjoni u lanqas ma jkunu jistgħu jiġu evitati (*ara* ***Pubblio Azzopardi vs Antonio Arcicovich 14/11/1919***).

F'***Fenech vs Carabott (1941)*** il-Qorti hawn ukoll minkejja li kienet qed tezamina l-possibiita' ta' *rebus sic stantibus*, elaborat ukoll fuq il-*Force Majeure*:

*"...l-prova tal-forza maġġuri jew tal-kaz fortuwitu għandu jagħmilha d-debitur, imma mhux bizzejjed li huwa jipprova li ma kienx in mala fede għaliex il-kaz fortuwitu ma jikkonsistix fl-assenza tal-mala fede imma fl-imprevedibilita` ta' l-event fortuwitu jew fl-impossibilita` li jevitah*".

IL-Ġurisprudenza nostrana turi li *rebus sic stantibus* biex tiġi applikata u aċċettata jridu jintwerew ċirkostanzi aktar serji minn dak li jirrizultaw *f'Force Majeure'*, kif spjegat ċar *f'****Micallef vs Belle (1953),*** tant li s-sitwazzjoni trid tkun tixbaħ lil dik ta' gwerra.

Il-kaz odjern seħħ matul il-pandemija tal-Covid 19 meta bosta pajjizi addottaw mizuri ta' awsterita' simili bħal f'kaz ta' gwerra. Is-soċjeta' ntimata bla dubju ġaladarba topera fl-ivjaġġar tal-ajru kienet milquta direttament matul il-pandemija. Ir-rikorrenti filfatt ġiet infurmata fl-20 ta' April, 2020 li kellha għazla, jekk tista' ssejħilha għazla, dik li tirriloka ruħha lejn Stansted u dan kellha tagħmlu fi ftit zmien, jew inkellha tispiċċa tterminata. Is-soċjeta'qalet ukoll li għamlet dan minħabba s-sitwazzjoni tal-ivvjaġġar bl-ajru u l-fatt li bosta ajruporti ġew magħluqa. Fi Stansted minħabba li s-soċjeta' għandha bazi tagħha setgħet faċilment issorġi fit-tul l-ajruplani tagħha. L-Ingilterra nzertat ukoll addottat mizuri aktar laxki meta mqabbla ma' pajjizi oħra. S'hawn hekk kollu tajjeb u wieħed jifhem li s-soċjeta' ħadet din id-direzzjoni. Kif spjegat aktar 'il fuq in-natura tal-pandemija u t-teorija li nġiebet ta' difiza hija wkoll aċċettabbli.

Li ma jistax jifhem dan it-Tribunal pero huwa kif ippretenda li r-rikorrenti taċċetta tibdil daqshekk drastiku fil-kundizzjonijiet tax-xogħol u mhux biss dik tar-rilokazzjoni. Mill-mod kif kienet se tkun qed taħdem u mill-mod kif inbidlet l-iskeda, r-rikorrenti kien se jkun diffiċli għaliha li b'xi mod tkompli tgħix ħajjitha li hinn mid-dinja tax-xogħol. Is-soċjeta' ippretendiet li għax kien hawn pandemija, r-rikorrenti kellha tabbanduna l-ħajja privata u tgħix biss biex tmur għax-xogħol. Fil-kazijiet hekk imsejħa '*tal-gwerra'* li ssemmew aktar 'il fuq, it-tibdil aċċettat kien marbut dirett maċ-cirkostanzi. Izda fil-kaz odjern it-tibdil tal-kunratt u kif ġew magħzulha l-ġranet ta' ħidma u frank ma nħadmux skont l-effetti tal-

pandemija, bħal fil-kaz aċċettabbli tar-rilokazzjoni. L-inqas li setgħet tagħmel is-soċjeta' kien li toffri rilokar izda l-kundizzjonijiet bħal l-iskeda ta' ġranet ta' ħidma u frank jibqgħu l-istess. Jekk xejn setgħet toffri l-kundizzjonijiet il-ġodda għal zmien temporanju u tpoġġi l-offerta għad-diskussjoni. Dan it-Tribunal jemmen li jekk il-pandemija u l-forzi kollha sjegati aktar 'il fuq li wasslu għal din id-deċizjoni tas-soċjeta', laqtet mhux biss lis-soċjeta' izda s-sitwazzjoni laqtet liz-zewġ partijiet. Kien ikun aktar serju kieku z-zewġ naħat jagħtu biċċa u jerfgħu biċċa mill-piz. Kif propost lir-rikorrenti jidher ċar li l-piz kien se jkollha iġġorru r-rikorrenti, sew bir-rilokar u dak kollu li jġib miegħu bħall l-abbandun ta' darha, u l-bqija, u sew billi issa ġie offrut lilha skeda differenti li lanqas ma kienet se tħalliha ġranet biex izzur lil qrabatha. L-ammont ta' ġranet offruti bħala ġranet frank u l-fatt li ma kienux konsekuttivi, ma jħallix dubju li ma kienx se jkollha ħajja privata aktar. Ma nġiebet l-ebda prova minn naħa tas-soċjeta' ntimata biex tikkonvinċi lil dan it-Tribunal li l-kundizzjonijiet baqgħu l-istess jew li l-ġranet mhux vera ntmessu, anzi dejjem ġiet evitata li tiġi mwieġba l-mistoqsija fuq l-iskeda l-ġdida.

Ir-rikorrenti offriet li taħdem fuq ajruplani zgħar u din ġiet rifjutata mis-soċjeta'. Ir-rikorrenti tgħid li l-ajruplani zgħar ma ġewx rilokati u allura setgħet taħdem fuqhom mingħajr ma tirriloka u s-soċjeta' tiċħad dan u tgħid li dawn ukoll ġew rilokati. Iz-zewġ naħat ma ġabux provi. Izda dan it-Tribunal jinnota li ir-rikorrenti tgħid li kienet kapaċi taħdem fuq ajruplani zghar u s-socjeta' tgħid li ma kinitx kapaċi u zzid ukoll li ma kellha l-ebda obbligu li tħarriġha. Minkejja li t-Tribunal ma nġibitlu l-ebda prova mill-ebda parti jekk l-ajruplani zgħar ġewx rilokati jew le, xorta ma jistax jagħlaq għajnejh għad-diskrepanzi fid-difiza. Jekk l-ajruplani zghar kienu kollha rilokati wkoll, ma kienx jagħmel sens li s-soċjeta' toqgħod tidħol fil-kaz ta' kemm hi obbligata jew le legalment biex toffri taħriġ lir-rikorrenti. Jekk iz-zghar kienu rilokati bħal Boeing u Airbus allura ma kienx hemm bzonn li tħarrigha fuq iz-zgħar għax sew zgħar u sew kbar kienu se jkunu fi Stansted.

Dan joħroġ ċar ukoll mill-korrispondenza bejn l-avukati tal-partjiet (Dok 8) propju fit-tweġiba li nbagħtet lir-rapprezentant legali tar-rikorrenti li s-soċjeta' mhux qed taċċetta li r-rikorrenti taħdem fuq ajruplani zgħar, fejn fost ir-raġunijiet issemmi li mhux sew tinqala' persuna biex tagħmel il-wisa' lilha jew li m'għandhix taħriġ fuq it-tali ajruplani. Imma fl-ebda ħin ma jissemma' li se jkunu wkoll rilokati. It-Tribunal jemmen li ġaladarba s-soċjeta' ma iddeqitx izzeffen fin-nofs l-ezuberu , kien messa onorat dak kollu li l-liġi tobbliga meta tkun riesqa l-eventwalita' ta' ezuberu ċjoe li ta' lanqas isiru l-attentati kollha kif rikjest mill-istess liġi, biex jiġu offruti alternattivi, izda jridu jkunu prattiċi u mhux kozmetiċi. Is-soċjeta' setgħet offriet alternattiva f'dan il-kaz billi toffri taħriġ jekk ma kienitx konvinta mill-kapaċita' tar-rikorrenti li kienet *seniour flight attendant* fuq il-Beoing 737. Dan

minkejja li r-rikorrenti nsistiet mas-soċjeta’ li kellha t-taħriġ meħtieġ. L-alternattiva li offrietilha kienet l-aktar waħda drastika minkejja li s-soċjeta’ kienet ben konxja li jekk ma taċċettax ikollha tiġi itterminata. Minnflok ipproteġietha bit-taħriġ li qalet li ma kellhix, is-soċjeta’ għazlet li tistaħba wara in-nuqqas tiegħu, jekk filfatt jezisti nuqqas għax hawn ukoll ma nġiebu l-ebda provi tal-kapaċita‘ tagħha jew le mill-ebda naħa, biex tpatti għan-nuqqas ta’ osservanza lejn il-kunċett ta’ *first in last out* li wkoll jaqa‘ fl-ambitu’ ta’ ezuberu. It-Tribunal hawn jinnota wkoll li fix-xhieda tiegħu waqt il-kontro-ezami s-Sur Robert Fenech meta mistoqsi jekk ir-rikorrenti kellhix esperjenta vasta, qal li irrelevanti kemm kollok esperjenza għas-soċjeta’ ghax jew taħdem fuq l-ajruplani kummerċjali jew fuq iz-zgħar. Dan jikkuntrasta bil-qawwi mar-raġunijiet l nġabu li ma setgħetx taħdem fuq l-ajruplani zgħar għax ma kellhix esperjenza. Jew kellha u kien irrelevanti jew ma’ kellhix. Jew waħda jew l-oħra.

Is-soċjeta’ tgħid li l-ezuberu sar minħabba l-pandemija. Dawn it-tnejn ġew imwaħħda mid-difiza. It-Tribunal hu tal-fehma li anke jekk iseħħ ezuberu xorta kellu jiġi nvestigat l-obbligu legali tal-operat *first in last out*. Is-soċjeta’ tgħid li l-operat nnifsu kien qed jinbidel minħabba *Force Majeure* li wassal għall-offerta tar-rilokazzjoni. Kif diġa spjega’ dan it-Tribunal hawn kien kaz fejn it-tbatijiet kellhom jiġu mifruxa fuq il-partijiet kollha u mhux parti waħda. Wieħed irid iqis ukoll li fil-kaz ta’ Malta l-Gvern Malti offra għajnuna wkoll fianzjarja lill-kumpaniji biex kemm jista’ jkun jiġu ssalvagardjati l-impjiegi.

Rigward l-email li nbagħtet miċ-*Chairman* biex is-soċjeta ntimata teħles mir-rikorrenti bil-pulit, għalkemm is-soċjeta qed toġġezzjona u tistieden lil dan it-Tribunal jiskreditaha għal diversi raġunijiet: għax ġiet prezentata wara li ngħalqu l-provi, għax ma fihix data u ‘l min indirizzata. Filfatt din l-email saret referenza għaliha waqt il-kontro-ezami tax-xheda provduti mill-istess soċjeta’, liema xhieda wieġbu għall-mistoqsijiet. It-Tribunal jgħid li l-kontenut tagħha ma jagħmilx ġieh lis-soċjeta’ ntimata jekk tfittex u tħeġġeġ jinstabu mezzi kif jiġu trattati l-ħaddiema li jmorru għal kollox kontra l-liġi izda tara kif ma tinqabadx. It-Tribunal jgħid li hawn m’aħniex fil-kamp Kriminali u m’hemmx bzonn ta’ provi miġjuba li jkunu lil hinn mid-dubbju dettat mir-raġuni. Bilanċ ta’ probabilitajiet huwa suffiċjenti. L-email tindika lil min kienet indirizzata u tindika ċar min kien is-suġġett tagħha.

Għaldastant dan it-Tribunal qed jaqta' u jiddeċiedi li t-terminazzjoni tar-rikorrenti kienet waħda kontra l-liġi u qiegħed jillikwida d-danni għas-somma ta' erba' u għoxrin elf, u ħamsa u sebgħin ewro (€24,075.00). Din is-somma għandha tingħata lir-rikorrenti fi zmien xahar mid-data tal-lum.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xogħol.

**Doreen Parnis**

**Chairperson**